2025/2248

7.11.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2248

tal-4 ta' Novembru 2025

dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi Spanja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2076

(notifikata bid-dokument C(2025) 7515)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda hija marda infettiva li tinġarr minn vettur u li taffettwa lill-annimali bovini. L-okkorrenza tagħha tista' tħalli impatt sever fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja, filwaqt li tikkawża wkoll disturb fil-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) Fil-każ ta' tifqigħa tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fl-annimali bovini, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra tal-annimali bovini, b'mod partikolari minħabba l-mod ta' trażmissjoni tagħha permezz tal-vetturi.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda, u ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi mill-inqas żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u, jekk ikun meħtieġ, aktar żoni ristretti madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2076 ([4]) tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza interim relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi Spanja. B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2076 tirrikjedi l-istabbiliment ta' żona ristretta, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 f'dak l-Istat Membru, li trid tinkludi ż-żoni elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2076 tal-10 ta' Ottubru 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza interim relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi Spanja (ĠU L, 2025/2076, 13.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/2076/oj).

(5) Sa mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2076, Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni b'16-il tifqigħa addizzjonali tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini fir-Reġjuni ta' Alt d'Ampordà, Baix Empordà, Garrotxa, Gironès, Maresme, Osona, Pla de l'Estany, Selva u Valles Oriental, il-Provinċja ta' Girona, fil-Komunità tal-Katalonja li ġew ikkonfermati bejn it-8 u s-27 ta' Ottubru 2025. Barra minn hekk, Franza nnotifikat tmien tifqigħat tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini f'żoni li jmissu mal-Komunità tal-Katalonja, fi Spanja, matul l-istess perjodu. B'reazzjoni għal dawn it-tifqigħat, Spanja stabbiliet żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fil-Komunità tal-Katalonja, fejn jiġu applikati l-miżuri għall-kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(6) Id-daqs taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, ma jqisux biss is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fiż-żoni milquta minn dik il-marda, iżda anke fatturi epidemjoloġiċi oħra, inklużi l-parametri ġeografiċi u r-riskju li l-marda tkompli tinxtered. Meta ntgħażlet id-durata tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni tqiesu wkoll l-istandards internazzjonali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([5]).

(7) Ir-Regolament (UE) 2016/429, u b'mod partikolari l-Artikolu 69 tiegħu, jipprevedi li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tuża tilqim protettiv ta' emerġenza meta jkun meħtieġ għall-kontroll effettiv ta' marda elenkata fl-annimali miżmuma. Għal dak il-għan, l-awtorità kompetenti trid tistabbilixxi żoni ta' tilqim u timplimenta pjan uffiċjali ta' tilqim li jissodisfa rekwiżiti speċifiċi. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 ([6]), li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi, fost l-oħrajn, ir-regoli speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri meta jużaw tilqim protettiv ta' emerġenza fl-annimali bovini għall-prevenzjoni jew għall-kontroll ta' marda elenkata. Dak ir-Regolament Delegat jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu permessi l-movimenti tal-annimali mlaqqma u tal-prodotti tagħhom. Il-kundizzjonijiet speċifiċi għat-tilqim protettiv ta' emerġenza kontra l-infezzjoni bil-marda tal-infafet fil-ġilda huma stabbiliti fl-Anness IX ta' dak ir-Regolament Delegat.

(8) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/140 ([7]) jistabbilixxi r-regoli fir-rigward tal-banek tal-Unjoni tal-antiġeni, tal-vaċċini u tar-reaġenti dijanjostiċi. B'mod partikolari, l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi r-rekwiżiti proċedurali u tekniċi għall-Istati Membri biex jitolbu aċċess ta' emerġenza għall-vaċċini, inklużi dawk għall-marda tal-infafet fil-ġilda, mill-banek tal-vaċċini.

(9) Fit-8 ta' Ottubru 2025, Spanja ppreżentat lill-Kummissjoni informazzjoni preliminari dwar il-pjan uffiċjali tagħha ta' tilqim għat-tilqim protettiv ta' emerġenza kontra l-infezzjoni bil-marda tal-infafet fil-ġilda, li tipprovdi dettalji dwar l-ambitu ġeografiku u amministrattiv taż-żoni ta' tilqim, l-għadd ta' stabbilimenti u annimali li għandhom jitlaqqmu, u d-durata tat-tilqim, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(4), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361. Spanja talbet ukoll dożi suffiċjenti ta' vaċċini mill-bank tal-vaċċini tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/140 sabiex tibda t-tilqim protettiv ta' emerġenza fiż-żona ristretta fil-Provinċja ta' Girona.

([5]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 tat-28 ta' Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 52, 20.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/361/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/140 tas-16 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-banek tal-Unjoni tal-antiġeni, tal-vaċċini u tar-reaġenti dijanjostiċi (ĠU L 23, 2.2.2022, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/140/oj).

(10) Il-kundizzjonijiet li fihom Spanja trid tapplika tilqim protettiv ta' emerġenza kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda, kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li għandhom jittieħdu għall-moviment tal-annimali u tal-prodotti tagħhom miż-żoni ta' tilqim, huma stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361. F'konformità ma' dawk il-kundizzjonijiet, it-tilqim jista' jiġi implimentat fiż-żoni ta' tilqim I jew II, skont il-konferma tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda.

(11) It-tip, id-daqs u d-durata taż-żoni ta' tilqim jista' jkollhom bżonn jiġu aġġustati fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi u tal-progress tal-kampanji tat-tilqim, b'mod partikolari filwaqt li jitqies il-livell li qed jevolvi tal-kopertura tal-vaċċin miksub. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu indikati, fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, id-dati għad-durata taż-żoni ta' tilqim.

(12) Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali u r-riskju li l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda tista' tinfirex minn annimali bovini infettati b'mod subkliniku, huwa meħtieġ li jiġi pprojbit il-moviment ta' dawn l-annimali minn kwalunkwe post fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni lejn destinazzjonijiet barra mill-perimetri esterni ta' dawk iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fi Spanja jew barra minn dak l-Istat Membru.

(13) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni, u biex jiġi evitat li pajjiżi terzi jimponu ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ, jenħtieġ li ż-żoni identifikati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif ukoll iż-żona ta' tilqim, jiġu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, u tiġi ddeterminata d-durata ta' dawk il-miżuri, f'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru.

(14) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali, jenħtieġ li ż-żona ristretta u ż-żona ta' tilqim jiġu definiti b'mod ċar f'termini tal-ambitu ġeografiku tagħhom u tad-durata tagħhom biex jiġi evitat aktar tixrid tal-marda fi Spanja, lejn Stati Membri oħra, jew lejn pajjiżi terzi. Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni japplikaw malajr kemm jista' jkun.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2076 titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Spanja għandha tistabbilixxi:

(a) żona ristretta, li tkun tinkludi żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu. Iż-żoni ta' protezzjoni u ż-żoni ta' sorveljanza, rispettivament, għandhom jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati bħala tali fl-Anness I;

(b) iż-żoni ta' tilqim I u II, f'konformità mal-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness. Dawn iż-żoni ta' tilqim għandhom jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati bħala tali fl-Anness II.

(c) barra minn hekk, Spanja għandha tipprevedi l-miżuri meħtieġa li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif ukoll fiż-żoni ta' tilqim I u II, imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu rispettivament, li għandhom jiġu applikati mill-inqas sad-dati elenkati fl-Annessi.

Artikolu 2

Spanja għandha tipprojbixxi l-movimenti tal-annimali bovini miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fl-Anness I lejn destinazzjoni li tinsab barra mill-perimetru estern ta' dawk iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew barra minn dak l-Istat Membru sad-dati elenkati f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2076 b'dan titħassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħa kkonfermata

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Ir-Reġjuni ta' Alt d'Ampordà, Baix Empordà, Garrotxa, Girones, Maresme, Osona, Pla de l'Estany, Selva u Valles Oriental ES-LSD-2025-00001 ES-LSD-2025-00002 ES-LSD-2025-00003 ES-LSD-2025-00004 ES-LSD-2025-00005 ES-LSD-2025-00006 ES-LSD-2025-00007 ES-LSD-2025-00008 ES-LSD-2025-00009 ES-LSD-2025-00010 ES-LSD-2025-00011 ES-LSD-2025-00012 ES-LSD-2025-00013 ES-LSD-2025-00014 ES-LSD-2025-00015 ES-LSD-2025-00016 ES-LSD-2025-00017 ES-LSD-2025-00018	Żona ta' protezzjoni: Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Alt d'Ampordà: — Agullana — Albanyà — Armentera (L') — Avinyonet de Puigventós — Bàscara — Biure — Boadella i les Escaules — Borrassà — Cabanelles — Cabanes — Cadaqués — Cantallops — Capmany — Castelló d'mpúries — Cistella — Colera — Darnius — Escala (L') — Espolla — Far d'Empordà (El) — Figueres — Fortià — Garrigàs — Garriguella — Jonquera (La) — Lladó — Llançà — Llers — Maçanet de Cabrenys — Masarac — Mollet de Peralada — Navata — Ordis — Palau de Santa Eulàlia — Palau-saverdera — Pau — Pedret i Marzà — Peralada — Pont de Molins — Pontós — Port de la Selva (El) — Portbou — Rabós — Riumors — Roses — Sant Climent Sescebes — Sant Llorenç de la Muga — Sant Miquel de Fluvià — Sant Mori — Sant Pere Pescador — Santa Llogaia d'Àlguema — Saus, Camallera i Llampaies — Selva de Mar (La) — Siurana	5.12.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Terrades — Torroella de Fluvià — Vajol (La) — Ventalló — Vilabertran — Viladamat — Vilafant — Vilajuïga — Vilamacolum — Vilamalla — Vilamaniscle — Vilanant — Vila-sacra — Vilaür Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Baix Empordà: — Albons — Bellcaire d'Empordà — Bisbal d'Empordà (La) — Calonge — Castell-Platja d'Aro — Colomers — Corçà — Cruïlles, Monells i Sant Sadurní de l'Heura — Foixà — Forallac — Garrigoles — Jafre — Palamós — Pera (La) — Rupià — Sant Feliu de Guíxols — Santa Cristina d'Aro — Serra de Daró — Tallada d'Empordà (La) — Torroella de Montgrí — Ullà — Ultramort — Vall-llobrega — Verges — Vilopriu Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Garrotxa: — Beuda — Maià de Montcal Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Girones: — Aiguaviva — Bescanó — Bordils — Campllong — Canet d'Adri — Cassà de la Selva — Celrà — Cervià de Ter — Flaçà — Fornells de la Selva — Girona — Juià — Llagostera — Llambilles — Madremanya	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Quart — Salt — Sant Andreu Salou — Sant Gregori — Sant Joan de Mollet — Sant Jordi Desvalls — Sant Julià de Ramis — Sant Martí de Llémena — Sant Martí Vell — Sarrià de Ter — Vilablareix — Viladasens Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Maresme: — Torderes Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Pla de l'Estany: — Banyoles — Cornellà del Terri — Crespià — Esponellà — Fontcoberta — Palol de Revardit — Serinyà — Vilademuls Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Selva: — Anglès — Blanes — Brunyola — Caldes de Malavella — Fogars de la Selva — Lloret de Mar — Maçanet de la Selva — Massanes — Riudarenes — Riudellots de la Selva — Sant Julià del Llor i Bonmatí — Santa Coloma de Farners — Sils — Tossa de Mar — Vidreres — Vilobí d'Onyar	
	Żona ta' sorveljanza: Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Alt d'Ampordà: — Agullana — Albanyà — Armentera (L') — Avinyonet de Puigventós — Bàscara — Biure — Boadella i les Escaules — Borrassà — Cabanelles — Cabanes — Cadaqués — Cantallops — Capmany — Castelló d'mpúries — Cistella	6.12.2025 – 22.12.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Colera — Darnius — Escala (L') — Espolla — Far d'Empordà (El) — Figueres — Fortià — Garrigàs — Garriguella — Jonquera (La) — Lladó — Llançà — Llers — Maçanet de Cabrenys — Masarac — Mollet de Peralada — Navata — Ordis — Palau de Santa Eulàlia — Palau-saverdera — Pau — Pedret i Marzà — Peralada — Pont de Molins — Pontós — Port de la Selva (El) — Portbou — Rabós — Riumors — Roses — Sant Climent Sescebes — Sant Llorenç de la Muga — Sant Miquel de Fluvià — Sant Mori — Sant Pere Pescador — Santa Llogaia d'Àlguema — Saus, Camallera i Llampaies — Selva de Mar (La) — Siurana — Terrades — Torroella de Fluvià — Vajol (La) — Ventalló — Vilabertran — Viladamat — Vilafant — Vilajuïga — Vilamacolum — Vilamalla — Vilamaniscle — Vilanant — Vila-sacra — Vilaür Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Baix Empordà: — Albons — Bellcaire d'Empordà — Bisbal d'Empordà (La) — Calonge — Castell-Platja d'Aro — Colomers — Corçà	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Cruïlles, Monells i Sant Sadurní de l'Heura — Foixà — Forallac — Garrigoles — Jafre — Palamós — Pera (La) — Rupià — Sant Feliu de Guíxols — Santa Cristina d'Aro — Serra de Daró — Tallada d'Empordà (La) — Torroella de Montgrí — Ullà — Ultramort — Vall-llobrega — Verges — Vilopriu Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Garrotxa: — Beuda — Maià de Montcal Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Girones: — Aiguaviva — Bescanó — Bordils — Campllong — Canet d'Adri — Cassà de la Selva — Celrà — Cervià de Ter — Flaçà — Fornells de la Selva — Girona — Juià — Llagostera — Llambilles — Madremanya — Quart — Salt — Sant Andreu Salou — Sant Gregori — Sant Joan de Mollet — Sant Jordi Desvalls — Sant Julià de Ramis — Sant Martí de Llémena — Sant Martí Vell — Sarrià de Ter — Vilablareix — Viladasens Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Maresme: — Torderes Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Pla de l'Estany: — Banyoles — Cornellà del Terri — Crespià — Esponellà — Fontcoberta — Palol de Revardit	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Serinyà — Vilademuls Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Selva: — Anglès — Blanes — Brunyola — Caldes de Malavella — Fogars de la Selva — Lloret de Mar — Maçanet de la Selva — Massanes — Riudarenes — Riudellots de la Selva — Sant Julià del Llor i Bonmatí — Santa Coloma de Farners — Sils — Tossa de Mar — Vidreres — Vilobí d'Onyar	
	Żona ta' sorveljanza: Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Baix Empordà — Begur — Fontanilles — Gualta — Mont-ras — Palafrugell — Palau-sator — Pals — Parlavà — Regencós — Torrent — Ullastret Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Garrotxa: — Argelaguer — Besalú — Castellfollit de la Roca — Mieres — Montagut i Oix — Olot — Planes d'Hostoles (Les) — Preses (Les) — Riudaura — Sales de Llierca — Sant Aniol de Finestres — Sant Feliu de Pallerols — Sant Ferriol — Sant Jaume de Llierca — Sant Joan les Fonts — Santa Pau — Tortellà — Vall de Bianya (La) — Vall d'en Bas (La) Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Maresme: — Arenys de Mar — Arenys de Munt — Argentona — Caldes d'Estrac	22.12.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Calella — Canet de Mar — Dosrius — Malgrat de Mar — Mataró — Palafolls — Pineda de Mar — Sant Andreu de Llavaneres — Sant Cebrià de Vallalta — Sant Iscle de Vallalta — Sant Pol de Mar — Sant Vicenç de Montalt — Santa Susanna Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Osona: — Brull (El) — Calldetenes — Espinelves — Folgueroles — Gurb — Malla — Manlleu — Masies de Roda (Les) — Roda de Ter — Rupit i Pruit — Sant Julià de Vilatorta — Sant Pere de Torelló — Sant Sadurní d'Osormort — Santa Eugènia de Berga — Santa Maria de Corcó — Seva — Taradell — Tavèrnoles — Tavertet — Tona — Vic — Vidrà — Viladrau — Vilanova de Sau Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Pla de l'Estany: — Camós — Porqueres — Sant Miquel de Campmajor Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Pla de l'Estany: — Camprodon — Molló — Sant Pau de Segúries Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Selva: — Amer — Arbúcies — Breda — Cellera de Ter (La) — Hostalric — Osor — Riells i Viabrea — Sant Feliu de Buixalleu — Sant Hilari Sacalm — Susqueda	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Valles Oriental: — Aiguafreda — Campins — Cànoves i Samalús — Cardedeu — Figaró-Montmany — Fogars de Montclús — Franqueses del Vallès (Les) — Garriga (La) — Gualba — Llinars del Vallès — Montseny — Roca del Vallès (La) — Sant Antoni de Vilamajor — Sant Celoni — Sant Esteve de Palautordera — Sant Pere de Vilamajor — Santa Maria de Palautordera — Tagamanent — Vallgorguina — Vilalba Sasserra	
Ir-Reġjun ta' Occitania, Franza FR-LSD-2025-00084 FR-LSD-2025-00085 FR-LSD-2025-00086 FR-LSD-2025-00088 FR-LSD-2025-00089 FR-LSD-2025-00090 FR-LSD-2025-00093 FR-LSD-2025-00094	Żona ta' protezzjoni: Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Ripolles: — Campelles — Llanars — Ogassa — Pardines — Planoles — Queralbs — Ribes de Freser — Setcases — Toses — Vilallonga de Ter Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Cerdanya: — Llívia	27.11.2025
	Żona ta' sorveljanza Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Ripolles: — Campelles — Llanars — Ogassa — Pardines — Planoles — Queralbs — Ribes de Freser — Setcases — Toses — Vilallonga de Ter Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Cerdanya: — Llívia	28.11.2025 – 14.12.2025
	Żona ta' sorveljanza Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Alt Urgell: — Cava — Josa i Tuixén — Pont de Bar (El)	14.12.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Bergueda: — Bagà — Berga — Borredà — Castell de l'Areny — Castellar de n'Hug — Cercs — Fígols — Gisclareny — Gósol — Guardiola de Berguedà — Nou de Berguedà (La) — Olvan — Pobla de Lillet (La) — Quar (La) — Sagàs — Saldes — Sant Jaume de Frontanyà — Sant Julià de Cerdanyola — Santa Maria de Merlès — Vallcebre — Vilada Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Cerdanya: — Alp — Bellver de Cerdanya — Bolvir — Das — Fontanals de Cerdanya — Ger — Guils de Cerdanya — Isòvol — Lles de Cerdanya — Meranges — Montellà i Martinet — Prats i Sansor — Prullans — Puigcerdà — Riu de Cerdanya — Urús Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Osona: — Alpens — Lluçà — Masies de Voltregà (Les) — Montesquiu — Olost — Orís — Perafita — Sant Agustí de Lluçanès — Sant Boi de Lluçanès — Sant Hipòlit de Voltregà — Sant Martí d'Albars — Sant Quirze de Besora — Sant Vicenç de Torelló — Santa Cecília de Voltregà — Santa Maria de Besora — Sobremunt — Sora — Torelló	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fi Spanja, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Ripolles: — Campdevànol — Gombrèn — Llosses (Les) — Ripoll — Sant Joan de les Abadesses — Vallfogona de Ripollès	

ANNESS II

Żona ta' tilqim II

Iż-żoni elenkati fl-Anness I sal-aħħar jum tal-perjodu ta' rkupru, imsemmi fl-Anness IX, il-Parti 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361.

Żona ta' tilqim I

Iż-żoni li ġejjin sal-aħħar jum tal-perjodu ta' rkupru, imsemmi fl-Anness IX, il-Parti 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361:

Żona amministrattiva	Żona ta' tilqim I
Il-Komunitajiet ta' Catalunya u Aragón	It-territorju kollu tar-Reġjuni ta' Pla d'Urgell, La Noguera, Segarra, Anoia, Alt Penedès, Garraf, Baix Llobregat, Barcelonès, Vallès Occidental, Bages, Moianès, Solsonès, Pallars Jussà, Pallars Sobirà, Alta Ribagorça, Vall d'Aran, Alt Urgell, il-partijiet ta' Cerdanya, Berguedà, Osona, Vallès Oriental u Maresme mhux inklużi fiż-Żona II, kollha fil-Komunità Awtonoma ta' Catalunya Il-muniċipalitajiet li ġejjin mir-Reġjun ta' Segrià (il-Komunità Awtonoma ta' Catalunya) — Alamús, — Alcoletge, — Alfarràs, Alguaire, — Almenar, — Almacelles, — Alpicat, — Benavent de Segrià, — Corbins, — Lleida, — Portella, — Rosselló, — Torrefarrera, — Torre-serona, — Vilanova de la Barca — Vilanova de Segrià Il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-Reġjun ta' Tamarite de Litera (il-Komunità Awtonoma ta' Aragón): — Albelda, — Alcampell, — Altorricón, — Baélls, — Baldellou, — Camporrélls, — Castillonroy, — Tamarite de Litera Il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-Reġjun ta' Graus (il-Komunità Awtonoma ta' Aragón): — Arén, — Benabarre, — Beranuy, — Campo, — Capella, — Castigaleu, — Estopiñán del Castillo, — Foradada del Toscar, — Graus, — Isábena, — Lascuarre, — Monesma y Cajigar, — Perarrúa, — La Puebla de Castro, — Secastilla, — Sopeira,

Żona amministrattiva	Żona ta' tilqim I
	— Tolva, — Torre la Ribera, — Valle de Bardají, — Valle de Lierp, — Viacamp y Litera Il-muniċipalitajiet li ġejjin fir-Reġjun ta' Castejón de Sos (il-Komunità Awtonoma ta' Aragón): — Benasque, — Bisaurri, — Bonansa, — Castejón de Sos, — Chía, — Laspaúles, — Montanuy, — Sahún, — Seira, — Sesué — Villanova